## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Robert Cassar**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta` Robert Cassar, iben John u Sapienza nee Agius, imwieled Ħ'Attard u li joqgħod St. Mary Flat 4, Triq Ħal-Niklusi, s-Siġġiewi u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 442579M u li permezz tagħha ġie imħarrek talli fil-21 ta' Mejju 20109 fis-Siġġiewi bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi iżda biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu fixkel lil martu Jael Cassar fil-pussess ta' ħwejjiġha billi ma kkonsenjax iċ-ċwievet tal-washroom sovrastanti l-appartament matrimonjali ċioe St. Mary Court Flat 4, Triq Ħal-Niklusi, s-Siġġiewi u tal-garaxxijiet sottostanti li huma fl-istess Triq jew b'xi mod ieħor impediha milli tidħol f'dawn l-ambjenti li tagħhom kienet komproprjetarja jew b'xi mod ieħor kontra li-Liġi indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li din il-kawża inbdiet kontra l-imputat wara li l-parte civile tramite s-ervizzi tal-konsulent legali tagħha ta' dak iż-żmien għamlet kwerela datata 9 ta' Ġunju 2009 kontra l-imputat fejn jingħad testwalment : -

> Akkuża : Inti akkuzat talli fit 21 ta' Mejju 2009 bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita l-jedd li tippretendi li ghandek fixxkilt lill martek Jael Cassar fil-pussess ta' hwejjigha billi ma kkonsenjajtx ic cwievet tal-washroom sovrastanti l-appartament matrimonjali cioe St Mary's Court/Flat 4 fi Triq Hal Nikluzi Siggiewi, u tal-garaxxijiet sottostanti li huma fl-istess triq, jew b'xi mod iehor impedejtha milli tidhol f'dawn l-ambjenti li taghhom hija ko proprjetarja, jew b'xi mod iehor kontra l-Ligi indhalt fi hwejjeg haddiehor.

Il-bażi legali li fuqha intalbet l-azzjoni penali tar-ragion fattasi kontra l-imputat hija n-nuqqas tiegħu li jikkonsenja ċ-"ċwievet".

F'dan il-każ din l-istqarrija trid tittieħed fil-kuntest tal-azzjonijiet penali preċedenti li kien hemm bejn il-partijiet. Ġie pruvat li qabel din il-kawża kien hemm kawża oħra li kienet

infetħet fuq kwerela wkoll tal-parte civile kontra l-imputat fejn hija kienet allegat li l-imputat kien biddel xi serraturi u għalhekk ma setgħetx taċċedi għall-"bieb tal-appartament, tal-washroom ghax jinsab separat u taz-zewg garages".[1] Din il-Qorti għandha verament ftit informazzjoni fuq dik il-kawża għax ħadd mill-kontendenti ma ressaq provi ċari dwarha u donnu jidher li hemm qbil li din kienet kawża ta' ragion fattasi wkoll.

Kif jidher mill-att t'akkwist datat 24 ta' Mejju 2004 (Dok JA4) l-imputat u l-parte civile kienu xtraw **flimkien u indiviżament** bejniethom il-flat internament markat bin-numru 4, li jinsab fit-tielet sular 'l fuq mill-livell tat-triq, mingħajr l-intier tal-arja libera tiegħu, u liema flat jifforma parti minn blokk jismu "Saint Mary Flats", fi Triq Ħal Niklusi, s-Siġġiewi. Inkluż f'dan il-bejgħ hemm is-sehem diviż tal-bejt tal-blokk li ġiet markata bl-aħmar fuq pjanta li ġiet mehmuża mal-att, kif ukl washroom li hija adjaċenti mal-parti tal-bejt ukoll kulurita bl-aħmar. Fuq l-istess att l-imputat u l-parte civile xtraw ukoll żewġt garaxxijiet li jinsabu f'semi basement level tal-blokk hawn fuq imsemmi internament markati bin-numri 2 u 4. Ma ġiex kontestat quddiem din il-Qorti li dawn il-proprjetajiet, fid-dati inikati f'din il-kawża baqgħhu komproprjeta bejn l-imputat u l-parte civile. Id-dritt ta' komproprjeta bejn il-kontendenti jidher li huwa assodat.

Mill-provi prodotti jidher ukoll li f'dik il-kawża ta' ragion fattasi donnu jidher li kien sar arranġament quddiem il-Maġistrat sedenti li permezz tiegħu l-istess arranġament kien maħsub li jidderimi l-kwistjoni kollha bejn il-kontendenti. Dan l-arranġament huwa rifless f'Dok JAB li huwa l-verbal magħmul matul dik is-seduta tat-**13 ta' Mejju 2009 fejn bil-partijiet preżenti u bl-assistenza tal-konsulenti legali rispettivi tagħhom** ġie dikjarat is-segwenti :

> Robert Cassar jobbliga ruhu li fi zmien tmien tijiem jikkonsenja c-cavetta tad-dar matrimonjali lill-avukata tieghu biex tghaddija lill-avukata tal-mara tieghu. Il-parte civile da parti taghha qed tobbliga ruhha li ma titholx fid-dar taghha matrimonjali hlief bi qbil bejn l-avukata taghha u l-avukata ta' zewgha minghajr pre-gudizzju tad-drittijiet civili.

Dakinhar jidher li l-partijiet telqu mill-Qorti bl-impressjoni li l-kwistjoni issa ġiet riżolta. Fuq domanda tal-Qorti ma jidherx li kien hemm xi seduti oħra f'dik il-kawża wara dak il-verbal. Mhux ċar x'ġara minnha dik il-kawża wara dak il-verbal. Biss jidher li wara li skont il-parte civile l-imputat ma mexiex mal-verbal imsemmi billi sal-21 ta' Mejju 2009 ma kienux għadhom ġew konsenjati lilha ċ-ċwievet li hi kienet qegħda tippretendi mingħand l-imputat hija għażlet li tipproċedi permezz ta' kwerela ġdida kontra tal-imputat.

Fil-fatt hija tgħid li għamlet rapport fil-31 ta' Mejju 2009 għaliex kienet għadha bla ċwievet. Kien biss fit-2 ta' Ġunju 2009 li l-Avukat tal-parte civile rċeviet ċavetta waħda. Bejn it-13 ta' Mejju 2009 u l-21 ta' Mejju 2009 ma rċeviet ebda ċavetta. Iċ-ċavetta li rċeviet wara t-2 ta' Ġunju 2009 ma pruvathiex. Il-kwerela tal-31 ta' Mejju 2009 kienet għamlitha minħabba li l-imputat ma kienx ikkonsenjalha ċ-ċwievet kollha. Il-parte civile ittenni li l-imputat kien obbligat li jagħmel dan bis-saħħa tal-verbal magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar

[1] Ara xiehda tal-parte civile nhar it-12 ta' Novembru 2010.

it-13 ta' Mejju 2009. Pero kien biss wara d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tad-9 ta' Novembru 2010 li hija ingħatat lura ċ-ċwievet kollha (ħlief dawk tal-bibien ta' ġewwa).

***Ikkunsidrat : -***

Illi din il-Qorti tara li din il-kwistjoni ġiet kumplikata u imtawla inutilment. Il-kawża tar-ragion fattasi li kienet miexja quddiem il-ġja Maġistrat Antonio Mizzi ma spiċċatx f'sentenza definittiva. Anzi mill-provi prodotti jidher li ma kienx hemm segwitu għaliha. Il-parte civile minflok insistiet li dik il-kawża titkompla tinstemgħa u tasal għal konklużjoni normali għażlet li tipproponi kawża differenti u separata minn dik li kienet għaddejja quddiem din il-Qorti diversament presjeduta b'imputazzjoni ġdida ta' ragion fattasi bażata mhux fuq il-fatt li l-imputat kien biddel is-serraturi tal-bibien kollha tal-proprjetajiet komuni tagħhom iżda minħabba li huwa naqas li jikkonsenjalha ċ-ċwievet kollha li kienet qegħda ġustament tippretenti. Dan wassal għal komplikazzjonijiet proċedurali bla bżonn. Din saret kawża ta' ragion fattasi ġdida bl-implikazzjonijiet kollha tagħha u ma hi ebda kawża oħra – delittwali jew kontravvenzjonali. Dan sar b'għażla tal-parte civile stess.

Fil-fehma ta' din il-Qorti r-reat ta' ragion fattasi huwa wieħed ta' natura kommissiva aktar milli wieħed ta' natura omissiva. L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew diversi drabi esplorati minn dawn il-Qrati. Fosta dawk is-sentenzi li jittrattaw dan ir-reat hemm dik imsemmija mill-Imhallef Lawrence Quintano presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tal-11 ta' Frar 2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi et" kif ikkwota mis-sentenza "Il-Pulizija versus Eileen Said" li kienet ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono u ċioe fejn intqal : -

> Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).
>
> Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika migbura mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et" (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-
>
> a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;
> c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi."

Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn huwa l-elementi li jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Francesco Carrara fil-kitba tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale", Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala : -

> 1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.

Dawn l-elementi jridu jissussistu kumulattivament sabiex ir-reat jigi pruvat kommess.

F'dan il-kaz, il-pern tal-kwistjoni ddur mal-fatt li l-parte civile issa qed ittenni li l-imputat naqas milli jagħtiha c-cwievet kollha tal-fondi li hija komproprjetarja tagħhom. Il-parte civile testendi din il-kontroversja mhux biss għan-nuqqas ta' konsenja ta' din iċ-ċavetta *per se* iżda wkoll **<u>għall-konsegwenza</u>** li titnissel minn nuqqas ta' tali konsenja fis-sens li konsegwentement il-parte civile allegatament ġiet imċaħda mill-pussess u aċċess għall-fondi li hija komproprjetarja tagħhom peress li mingħajr tali cwievet ma setgħatx taċċedi għalihom.

L-imputat iwieġeb li da parti tiegħu huwa fil-fatt wettaq l-obbligazzjoni assunta minnu meta fi żmien tmint ijiem huwa kkonsenja ċ-ċavetta tad-dar matrimonjali lill-avukata tiegħu skont dak li hemm imsemmi fil-verbal tat-13 ta' Mejju 2009. Għalhekk huwa ma jistax jingħad li ċaħħad lil martu minn tali ċwievet.

Dwar dan il-punt, hemm dottrina u gurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' ragion fattasi li minnu l-leġislatur Malti kien ġie kjarament ispirat, li tgħallem li ż-żamma jew rifjut ta' konsenja ta' oġġetti *per se* ma twassalx għal dan ir-reat ta' ragion fattasi. Skont il-Majno, "E per parita di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire".[2] F'dan il-każ il-parte civile ttenni li l-imputat għażel li jżomm ("trattenuto" bit-Taljan) iċ-ċwievet tal-fondi de quo. Skont il-Majno dan ma jwassalx ghall-estremi tar-reat ta' ragion fattasi.

Apparti minn hekk, trattandosi ta' komproprjetarju kemm taċ-ċavetta kif ukoll tal-fond, l-imputat jiġi li huwa baqgħa fil-pussess tal-istess ċavetta jew stabbli. Pero l-istess dottrina tghallem illi, al menu skont il-Carrara *"qui continuat non attentat"*.[3] U dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq citata : -

> L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque ; perche' la legge protegge lo stato quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

[2] Codice per il Regno d'Italia, Luigi Majno – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6.
[3] Ara Programma, Vol. 5, pagna 488.

Bin-nuqqas ta' konsenja da parti tal-imputat ta' tali ċwievet lill-parte civile, anke jekk dan *gratia argomenti* setgħa sar b'dispett (ħaġa li l-Qorti ma għandhiex provi dwarha u qed tissemma' għal fini ta' kompletezza), xorta waħda ma jfissirx neċessarjament li r-reat ta' ragion fattasi ġie integrat bin-nuqqas ta' konsenja taċ-ċwievet pretiżi. Kif jgħid il-Carrara fil-paragrafu 2855 tal-Programma –

> Non tutto cio' che si fa' a dispetto di altri nella opinione di averne diritto e' delitto di ragion fattasi: non lo e' tutte le volte che si abbia opinione di avere diritto non solo *alla cosa*, ma anche a far la cosa *in quel modo*.

Din il-Qorti tqis li l-iskop tar-reat ta' ragion fattasi mhux dak li l-Qorti ta' kriminali ġudikatura tissostiwixxi ruħha għall-Qorti Ċivili kompetenti għax l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix maħsuba biex tissostitwixxi dik ċivili għar-ripristinu tad-detenzjoni jew pussess.. U dan il-parte civile għarfithu sussegwentement meta talbet lil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għar-rimedju tal-konsenja tal-kumplament taċ-ċwievet – rimedju leġittimu li ġie lilha akkordat. Mill-banda l-oħra din l-azzjoni hija mirata biex "ħadd ma jieħu l-liġi b'idejh" u mhux biex grazzi għaliha jew għall-eżitu tagħha jiġu determinati kwistjonijiet ċivili ta' pussess jew detenzjoni. Għalhekk anke persuna li ma tkunx tgawdi jeddijiet possessorji iżda biss koperta bi *status quo* rifless fid-detenzjoni tagħha ta' oġġett (skont il-Carrara *di un bene che gode*) tista tkun "protetta" b'din l-azjoni jekk dik id-detenzjoni ossija l-i*status quo* jiġi disturbat minn terz b'mezzi li kienu riżervati għall-awtorita ġudizzjarja u mhux għall-eżercizzju arbitrarju u unilaterali tal-azzjoni tat-terz. Għalhekk anke għall-Carmignani, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda biex jiġi integrat dan ir-reat ta' ragion fattasi irid ikun pussess "attwali" u ċioe li l-azzjoni tat-terz tkun twassal għat-turbattiva tal-istatus quo: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. **Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso**; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[4]

Skont l-Arabia, l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiza li tissanzjona t-turbativa tal-pussess ta' persuna *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimostra che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio."[5]

Issa f'dan il-każ, anke kif mistqarr mill-parte civile matul it-trattazzjoni tagħha, ir-reat tar-ragion fattasi huwa wieħed ta' natura kommissiva u mhux omissiva. Għal din ir-raġuni l-

---

[4] Enfazi mizjuda – "Elementi di Diritto Criminale", Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

[5] "I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie", Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

imputazzjoni l-ġdida promossa mill-parte civile kontra l-imputat, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tistax tirnexxi.

Mill-banda l-oħra l-parte civile ttenni li anke jekk il-karattru omissiv tal-azzjoni tal-imputat mhix kriminalment ċensurabbli taħt ir-reat ta' ragion fattasi, xorta waħda jibqa l-fatt li l-imputat huwa responsabbli għar-reat ta' ragion fattasi għaliex ir-reat ta' ragion fattasi kommess minnu kien imwettaq u baqa' jiġi mwettaq minnu matul il-perjodu kollu li fih huwa kien fil-pussess taċ-ċwievet tas-serraturi li huwa kien bidel u li baqgħu mhux konsenjati lill-parte civile sad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Il-parte civile ttenni li n-natura tar-reat ta' ragion fattasi huwa wieħed ta' reat permanenti u għalhekk il-fatt kriminuż li l-imputat kien wettaq bil-bdil fis-serraturi tal-bibien li tagħhom il-parte civile kienet tippretendi ċ-ċwievet kien baqa' jipperdura anke wara d-data tal-verbal tat-13 ta' Mejju 2009 stante li ċ-ċwievet kollha rilevanti kienu ġew konsenjati lil parte civile wara d-digriet tat-2 ta' Novembru 2010.

Dwar dan il-punt il-Qorti diġa osservat li l-parte civile għażlet li tinterponi kwerela ġdida fuq il-fatt li l-imputat ma kkonsenjalhiex iċ-ċwievet kollha. Din kienet il-bażi tal-azzjoni legali magħmula kontra l-imputat u li spiċċat quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Kienet id-deċiżjoni tal-parte civile stess li tibda dawn il-proċeduri ġodda li timpedixxi lil din il-Qorti milli tikkunsidra din il-kawża ġdida bħala estensjoni tal-kawża preċedenti jew li tkompli tikkonsidra l-konsegwenzi tar-reat ta' ragion fattasi li kien qiegħed jiġi dibattut fil-kawża preċedenti. Dik il-kawża ma spiċċatx b'sentenza. M'hemmx ġudikat. Mill-banda l-oħra din il-kawża ma tistax issa tieħu konjizzjoni ta' fatti li huma dibattuti diġa fil-kawża preċedenti. Il-fatti li jagħtu lok għar-reat ta' ragion fattasi u l-konsegwenzi tiegħu, anke sal-21 ta' Mejju 2009, kienu l-meritu ta' dik il-proċedura li kienet għadha mhix deċiża definittivament.

Il-verbal tat-13 ta' Mejju 2009 mhux sentenza. Huwa verbal magħmul bl-aqwa intenzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex tipprova ssib soluzzjoni prattika għal-problematika legali ta' bejn il-partijiet f'kawża li kienet għadha għaddejja. Għalhekk il-verbal tat-13 ta' Mejju 2013 li kien intiż speċifikament biex iservi t'arranġament prattiku bejn il-partijiet biex eventwalment il-Qorti tkun tista' tgħaddi għal sentenza. F'dak il-verbal il-partijiet kienu aċċettaw dan l-istat ta' fatt u intrabtu quddiem dik il-Qorti li jwetqu obbligi partikolari. Jiġi ribadit li dan il-verbal sar mhux biss fil-preżenza tal-partijiet iżda wkoll tal-konsulenti legali rispettivi tagħhom. F'dan il-verbal tat-13 ta' Mejju 2013 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma għamlet ebda ordni jew sentenza. Kien l-imputat li intrabat b'obbligazzjoni li fi żmien tmint ijiem jikkonsenja ċ-ċavetta tad-dar matrimonjali lill-avukata tiegħu biex din a sua volta tgħaddiha lill-avukata tal-mara tiegħu. L-obbligu tiegħu għalhekk kien li jikkonsenja ċ-ċavetta tad-dar matrimonjali lill-avukata tiegħu. Ma kienx hemm terminu ieħor stabbilit li fih l-avukati rispettivi kellhom iwetqu l-mandat li kien qed jiġi assunt minnhom fl-istess verbal. L-anqas hemm terminu stabbilit li fih iċ-ċavetta tad-dar matrimonjali kellha tiġi konsenjata lill-parte civile.

L-imputat itenni li huwa kkonsenja ċ-ċavetta lill-avukata tiegħu entro t-terminu ta' tmint ijiem. Din l-avukata ma xehditx. Il-parte ċivile tgħid li f'dawk it-tmint ijiem ma kellhiex kuntatt mal-imputat u mingħandu ma semgħet xejn dwar din iċ-ċavetta. A prescindere dwar dak li l-parte civile fehmet bil-verbal de quo u bil-mod kif hi interpretatu, jibqa' l-fatt li l-istess verbal jitkellem fuq "cavetta tad-dar matrimonjali" – kjarament fis-singular. Jiġifieri

anke jekk *gratia argomenti* l-istat ta' ksur ta' Liġi kien għadu viġenti, l-imputat kien obbliga ruħu li jikkonsenja ċavetta tad-dar matrimonjali u mhux "ċwievet". U jidher li f'dak l-istadju dak il-verbal – li jikkontjeni fih obbligazzjonijiet assunti mill-partijiet (u mhux ordni dettat mill-Qorti) ma jirriżultax li ġie oppost jew li saret xi talba għal korrezzjoni tiegħu fil-mument li kien qiegħed jiġi redatt – kif setgħa sar. Għalhekk l-obbligazzjoni assunta mill-imputat bit-tir li l-kwistjoni tar-ragion fattasi tiġi risolta kienet dik li jikkonsenja ċ-ċavetta tad-dar matrimonjali liema obbligazzjoni jidher li kienet ġiet aċċettata mill-parte civile fil-mument li kienet saret. Jekk kien hemm bżonn ta' kjarifika, tali kjarifika kellha ssir dak il-ħin. Jekk kien hemm bżonn ta' bidla fil-verbal, kellha tintalab li ssir dak il-ħin.

Jekk *gratia argomenti* l-parte civile in buona fede fehmet li l-imputat kellu b'dak il-verbal jikkonsenjalha ċ-ċwievet kollha tal-bibien proprjetajiet li hija kienet tippossjedi flimkien ma' żewġha, hija aċċettat li dan isir mingħajr ma jiġi speċifikat meta hija personali kellha tirċievi l-istess ċwievet. Iżda aktar minn hekk, hija aċċettat li żewġha jkollu tmint ijiem li fihom jikkonsenja tali ċwievet lill-avukata tiegħu. Meta żewġha effettivament ikkonsenja tali ċwievet hi ma tafx. Anzi tippreżumi li huwa kien għadu ma kkonsenjahomx minn dak mistqarr mill-affidavit tas-Surġent 1585 James Weatherill (Dok JW1)- "Jien tkellimt ma robert fejn huwa stqarr li kien ha jirritorna limsemmija cwievet lil Jael permezz ta' l-avukat tieghu". Hawnhekk dan is-surġent ma jgħidx li l-imputat kien għadu ma kkonsenjax iċ-ċwievet lill-avukata tiegħu pero. Anke l-PIRS report (Dok JW2), miktub b'Ingliż ħażin ħafna, il-massimu li jista' jingħad minnu huwa li fl-1 ta' Ġunju 2009 l-imputat kien stqarr li huwa kien sejjer jikkonsenja "the remaining keys" lill-avukata tiegħu – fatt li juri li sa dakinhar kien diġa kkonsenja xi ċavetta jew ċwievet lill-avukata tiegħu. Biss din il-kwistjoni tiġi sekondarja għaliex bl-argument tal-parte civile l-effetti tar-reat ta' ragion fattasi kienu għadhom preżenti. Il-konsegwenzi għal tali nuqqas ta' żewġha, jekk kien hemm, ma kellhomx ikunu proċeduri ġodda iżda kontinwazzjoni ta' dawk il-proċeduri li jwaslu għal sentenza definittiva tal-vertenza bejn il-partijiet wara li l-Qorti tkun inġibditilha l-attenzjoni, minn min ikollu interess, li l-arranġament bejn il-partijiet kien falla jew ma twettaqx kif suppost jew fiż-żmien mogħti skont il-każ eċċetra.

U minflok adixxiet lil dik il-Qorti biex tkompli għaddejja bis-smiegħ tal-kawża l-parte civile intavolat proċeduri ġodda u separati. Ma ġiex pruvat li fil-proċeduri preċedenti kienet ingħatat sentenza u li għalhekk dik il-proċedura quddiem dik il-Qorti kienet ġiet mitmuma. Għalhekk jekk din il-Qorti tindaga u tiddeċiedi il-kwistjoni sollevata f'din il-kawża mid-difiża dwar in-natura tar-ragion fattasi bħala reat kontinwat (u l-fatt għalhekk li fil-21 ta' Mejju 2009 l-imputat kien qiegħed jikkommetti reat kriminali ta' ragion fattasi bl-istess premessa li huwa kien f'Settembru 2008 biddel is-serraturi (tal-bibien kollha) u hekk kien ħallihom fil-21 ta' Mejju 2009), din il-Qorti tkun qegħda tinvadi t-terren ta' kawża oħra li kienet qed tinstema' quddiem dawn il-Qrati preċedentement. Dan il-Qorti ma tqisx li għandha u tista' tagħmlu.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil Robert Cassar mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Moghtija illum it-3 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Magistrat Aaron M. Bugeja.***